MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1544/1996/1

**John Montague**
**Vs**
**Holiday Resorts Limited**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala General Manager mill-1 ta' Marzu, 1991 sat-8 ta' Awissu, 1995, f'liema data l-attur kien irrizenja mill-impieg tieghu.

Premess illi l-imsemmi attur kien irrizenja minhabba dizgwid illi huwa kellu mas-socjeta' konvenuta u bi ftehim mad-direttur tal-imsemmija socjeta' u fuq stedina tieghu, l-attur rrizenja bil-kondizzjoni illi huwa kellu jircievi s-salarju tieghu sad-data tar-rizenja u il-*bonuses* pagabbli lilu, hlas

ta' *leave* mhux mehud, u *terminal gratuity* ta' elfejn, hames mija u hamsin lira (Lm2,550) u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti u hawn annessa (Dok JM 1 u Dok JM 2).

Premess illi ghalhekk l-attur jinsab il-kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma komplessiva ta' seba' telef, mitejn u sebgha u tmenin lira u disgha u sittin centezmu (Lm7,287.69c) dovuti lill-attur bhala s-salarju tieghu, il-*bonuses* pagabbli lilu, hlas ta' *leave* mhux mehud u *terminal gratuity*, kif spjegat fl-annessa skeda (Dok JM 3).

Premess pero' sa issa ma sar ebda pagament mis-socjeta' konvenuta billi hija qeghda tikkontesta l-ammont pretiz mill-attur bhala hlas ta' *leave* mhux mehud (Dok JM 4).

Premess illi nterpellat thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-attur jinsab il-kreditur tas-socjeta' konvenuta, fis-somma komplessiva ta' sebat elef, mitejn u sebha u tmenin lira u disgha u sittin centezmu (Lm7,287.69) dovuti lill-istess attur bhala is-salarju tieghu, il-*bonuses* pagabbli lilu, hlas ta' *leave* mhux mehud u *terminal gratuity* jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, sabiex thallas lill-istess attur is-somma komplessiva ta' sebat elef, mitejn u sebgha u tmenin lira u disgha u sittin centezmu (Lm7,287.69) dovuti lill-attur kif fuq inghad jew somma ohra verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' Settembru 1995, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenut.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 14 fejn eccepiet;

1. Illi s-somma pretiza hija bil-wisq aktar minn dik fil-fatt dovuta;

2. Illi mhux kontestat illi l-attur ghandu jithallas barra s-salarju u l-*bonuses*, *terminal gratuity* ta' elfejn hames mija u hamsin lira Maltin (Lm2,550) u hlas ta' *leave* li ghadu ma hax u cioe' komplessivament is-somma ta' tliet elef seba' mija sitta u disghin lira u tlettax-il centezmu (Lm3,796.13); il-kontestazzjoni hija fuq il-bilanc; jinghad illi l-ammont mhux kontestat mis-socjeta' konvenuta huwa aktar minn dak illi teknikament huwa dovut lill-attur; illi ghalkemm id-dati tal-bidu u temm ta' l-impjieg mhux kontestati, l-eccipjenti jirrizervaw id-dritt li jizvelaw ir-ragunijiet veri tar-rizenja ta' l-attur;

3. Illi s-socjeta' konvenuta diga' harget u offriet lill-attur tliet cekkijiet ammontanti ghal tliet elef seba' mija u sitta u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu li l-attur irrifjuta li jaccetta ;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol. 112;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob li l-konvenuti jhallsuh is-somma Lm7,287.69 bhala salarju tieghu, *bonuses*, hlas ta' *leave* mhux mehud u *terminal gratuity* jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata mill-Qorti.

Il-konvenuti qed jaqblu li l-attur ghandu jithallas, barra s-salarju u l-*bonuses*, *terminal gratuity* Lm2,550 u hlas ta'

*leave* li ghadu ma hax u cioe' komplessivament Lm3,796.13; il-kontestazzjoni hija fuq il-bilanc.

B'verbal a fol. 112 il-partijiet iddikjaraw li m'hemmx kontestazzjoni dwar ir-rata ta' hlas lill attur in kwantu tali rata giet applikata fil-komputazzjoni tal-pretenzjoni ta' l-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-konvenuti qed jissottomettu (ara nota taghhom) li l-attur fit- 8 ta' Awissu, 1998 kien accetta l-hlas ta' LM2,550 in *full and final settlement*, u ghalhekk, kienu x'kienu l-obbligazzjonijiet reciproci, kien hemm novazzjoni u l-partijiet riedu jiddefinixxu l-posizzjoni ta' bejnithom u accettwaha u dak id-dokument jikkostitwixxi rabta kontrattwali bejnithom.

Illi skond l-ittra datata 8 ta' Awissu, 1998 l-attur kien qed jitlob u l-konvenuti sussegwentement accettaw, li jhallsu l-*outstanding leave* lill attur. L-ittra ma kienet qed testingwi l-ebda obbligazzjoni, izda kienet qed tafferma li l-attur kien ser jirrizenja in konsiderazzjoni tal-fatt li l-konvenuti kienu ser ihallsuh it-*terminal benefits* u l-*oustanding leave*. Wara pero' inqala dizgwid fuq il-*quantum* tal-*leave* li kien dovut lill attur.
Inoltre jigi rilevat li ma giet moghtija ebda eccezzjoni formali f'dan is-sens, u eccezzjoni ma tistax tinghata f'nota ta' osservazzjonijiet (Art 728 Kap 12).

***Leave***

Ghalkemm ma jissemma xejn fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti, huma qed jissottomettu, ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, li skond il-kuntratt li kellu l-attur mal-konvenuti - Dok AXY1 fol. 134 - *The executive shall be entitled to defer to the following financial year any annual leave he has been prevented from utilizing by the exigencies of the company, provided that prior arrangements are made with the Company* (fol. 136).

Skond il-konvenuti, l-attur irid jipprova l-ewwel li huwa gie mizmum milli jiehu l-*leave* minhabba ezigenzi tal-kumpanija u t-tieni li lahaq ghamel arrangamenti minn qabel mal-kumpanija biex il-*leave* jigi *carried forward*. Il-konvenuti qed isostnu li l-attur ma kienx imfixkel minn naha tal-kumpanija milli jiehu *leave* u ma ngabet ebda prova oggettiva li hu kien prekluz milli jiehu l-*leave*. Dwar it-tieni oneru ta' prova l-attur kellu jistabilixxi li kellu permess minn qabel tal-kumpanija biex jaghmel "*deferring*" tal-*leave*, haga li ma tirrizultax.

Il-Qorti tirrileva li ghal bidu d-difiza tal-konvenuti kienet fis-sens li huma ma kienux qed jaqblu fuq il-kwantum tal-*leave* dovut lill attur billi rrizulta wara li rrizenja, li l-attur kien ha xi *leave* li ma kienx applika ghalih u ghalhekk ir-*records* taghhom ma kienux korretti. Kien dahlilhom id-dubbju kemm verament l-attur kien intitolat ghal ammont ta' *leave* li kien qed jitlob.

Imbaghad id-difiza tal-konvenuti tbiddlet bil-kors tal-kawza u bdew isostnu li l-*leave* li qed jitlob l-attur mhux dovut kollu billi hu ma kienx intitolat li jittrasporta *leave* mis-snin precedenti u kkwotaw il-kuntratt li gie prezentat fl-ahhar tal-kawza.

Il-Qorti trid tikkonsidra dawn iz-zewg difizi.

Skond l-attur meta rrizenja hu kien informa lill-konvenuti li kellu *leave* akkumulat li ma kienx hadu. Hu xehed hekk:

*Upon resigning I identified with Mr. A. Xuereb and Mr. T. Farrugia that my leave balance according to my last payslip was 1220 hrs. Mr. Farrugia at that point stated that he would have to check this. He did not refer to my leave entitlement being contained to that of 1995, 1994 or any year for that matter, despite the fact that the amount of 1220 hrs immediately implies a large amount, certainly above two years' worth.*

Fl-ittra tar-rizenja tieghu l-attur kien ghamilha cara li "*this resignation is being offered on the basis of your offer to*

*pay three months terminal benefit in full on condition that I am also paid all arrears of leave entitlement*“ (fol. 37 u 38). Is-Sur A. Xuereb kien accetta (ara fol. 39).

Meta wara mar biex jithallas, il-konvenuti offrewlu biss hlas ghal 30 gurnata *leave* li hu m’accettax. David Marinelli kien implika li kien hemm xi *leave* li  l-attur ma kienx irregistra ghalih. Dwar dan xehed ukoll Tonio Farrugia li qal li meta l-attur ipprezenta r-rizenja tieghu u kien semma l-figura tal-*leave* li kien qed jippretendi hu qallu li jrid jivverifika halli jara r-*records*. Meta ccekkja hareg il-fatt li kien hemm xi *leave* li hu hadu minghajr ma bbukkja bil-procedura kif suppost. Allura r-*records* kienu juru li kien ghad baqghalu izjed *leave* milli fil-fatt kien dovut lilu (fol. 67).

Sa dana l-istadju l-konvenuti dejjem kienu qed jitkellmu dwar *leave* li allegatament ittiehed mill-attur minghajr ma hu applika ghalih. Fuq dana l-attur xehed li hu dejjem applika ghall *leave*.  Hu spjega s-sistema li kien juza hekk:

*Leave was documented by submitting a form in duplicate to head office, which form was initialled by Mrs. Caroline Schembri, Administration Assistant at head office in Lija, and at times (irregularly) also stamped at same offices. The balance of leave owing previously was entered, presumably by the same person (Mrs. Schembri), the days availed of documented, and the  resulting balance of leave highlighted. One of the copies was then returned to the employee, though some of mine never arrived. The owing balance was mirrored regularly on all my monthly payslips. …*

L-attur kien jitlob il-*leave* u jgib l-awtorizzazzjoni ta’ Marinelli u Farrugia u dawn  kienu  japprovawh.  Ma kienx hemm okkazzjoni fejn dan gie rifjutat.  Tant kienu jafu l-konvenuti li kien ha l-*leave*, li David Marinelli darba kien cempel lill attur l-Ingilterra biex jistaqsih xi haga fuq xoghol. Skond l-attur kemm Marinelli kif ukoll Farrugia kellhom kopja tas-*schedule* tal-*leave* li kellu bzonn l-attur biex jattendi l-*course* l-Ingilterra. Farrugia ukoll kien jaf li l-

attur kien *on leave*, billi l-attur kien anke talab il-finanzjament ta' parti mill-kors tieghu minghand il-konvenuti.

*Deferred leave*

Il-konvenuti (ara xhieda ta' Tonio Farrugia u Angelo Xuereb) qed isostnu li skond il-kuntratt ta' l-attur li kellu ma Kella Limited, l-*owner* u *operator* ta' Sunny Coast Holiday Complex fejn kien jahdem l-attur, biex jiggedded il-*leave* minn sena ghall ohra jrid ikollok *approval*. Biex persuna iggorr *leave* minn sena ghall ohra din trid titlobha u jekk ma tintalabx tintilef. F'dan il-kaz l-attur kellu jitlob l-*approval* ta' David Marinelli (ghalkemm Marinelli xehed li ma kienx involut fil-kwistjoni tal-leave).

Skond il-kuntratt Dok AXY1 fol. 134 - *The executive shall be entitled to defer to the following financial year any annual leave he has been prevented from utilizing by the exigencies of the company, provided that prior arrangements are made with the Company.*

Skond l-attur il-kumpanija konvenuta skopriet l-ezistenza ta' l-obbligi tieghu skond il-kuntratt biss fil-kors tal-kawza, u wiehed bil fors jikkonkludi illi dina l-kondizzjoni qatt ma giet enforzata mill-kumpanija qabel u kien issa biss li qed tippretendi l-adezjoni ghaliha.

L-attur kien General Manager u kien jiehu hsieb it-tmexxija tas- Sunny Coast Resort u dana kien jinvolvi xoghol kwazi erbgha u ghoxrin siegha kulljum (ara xhieda tieghu fl-affidavit u tal-mara tieghu). Hu kien jista' jqassam il-granet tieghu meta jrid u x'hin irid. Jirrizulta mill-provi li l-attur ma kienx ha hafna granet *leave* minhabba ezigenzi tax-xoghol tal-kumpanija.

Il-konvenuti qed isostnu wkoll li l-attur ma kienx ghamel arrangamenti mal-kumpanija dwar it-trasportazzjoni tal-*leave* mis-snin precedenti. L-attur ma jaqbilx ma dana u jghid li hu kien dejjem avza li kien ser jiehu *leave* u gie dejjem rassikurat bin-numru ta' granet *leave* li gew trasportati minn sena ghall ohra.

Dwar dan l-attur xehed hekk.

*An excess of leave existed at each year end…. The subject of forwarding of leave was never broached by my employer/s… Infact no standard company document existed to enable a request for the forwarding of leave… The owing balance (of leave) was mirrored regularly on all my monthly payslips. …*

Caroline Schembri, Administrative Assistant, mal-konvenuti xehdet li l-*applications* ghal *leave* kienu jigu ghandha u hi tnaqqas il-*leave* mill-*entitlement* tal-impjegat. Fil-*computer* imbaghad ikollha n-numri ta' sighat *carried forward*. F'Dicembru awtomatikament tpoggi 'l quddiem *carried forward* dak li jkun fadal. Anki fil-kaz taghha stess il-*leave* tmexxieh il quddiem bhal ta' l-ohrajn. Hi ma tafx li fil-kuntratt taghha ghandha xi kundizzjoni li "*I cannot carry forward my leave*" (ara dok. 91, 92, 94, 95, 97, 99, 101). Skond A. Xuereb, Caroline Schembri kienet taf li *leave* akkumulat ghas-snin ta' qabel ma kelliex ghalfejn izzommu. Din id-dokumentazzjoni li kienet izzomm Schembri kienet kontrollata u kienet fil-pussess tal-kumpanija konvenuta. Schembri kienet zammet *leave* akkumulat mill-attur ghal perjodu ta' hames snin u ghalhekk meta l-attur kien jircievi l-*payslip* kien ikollu ndikazzjoni ta' kemm granet akkumula u li kellu jippresumi li dawn kienu approvati, aktar u aktar, meta skond Xuereb, Schembri kienet taf bis-sistema li *leave* ma jigix *carried forward*.

Finalment jekk hu vera li kien hemm *policy* li *leave* ma jigix trasportat minn sena ghal ohra, u li l-konvenuti kienu qed jinsistu mill bidu fuq dina l-*policy*, ma taghmilx sens l-offerta' taghhom li huma ghamlu lill attur, (lanqas *ex gratia*), li thallsu aktar mill *leave* li kien intitolat ghalih u li kien ha.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tiddikjara illi l-attur jinsab kreditur tas-socjeta' konvenuta, fis-somma komplessiva ta' sebat elef, mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm7,287.69) dovuti lill-istess attur bhala s-salarju tieghu, il-*bonuses* pagabbli lilu, hlas ta' *leave* mhux mehud u *terminal gratuity;*

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, sabiex thallas lill-istess attur is-somma ta' sebat elef, mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm7,287.69);

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------